



SOMMARJU TAR-RAPPORT ANNWALI

<https://eiopa.europa.eu/>



eiopa

European Insurance and
Occupational Pensions Authority

Cover photo: © AdobeStock

PDF ISBN 978-92-9473-336-8 doi:10.2854/19621 EI-01-21-439-MT-N

More information on the European Union is available on the internet (<http://europa.eu>).

Luxemburg: Oficiul pentru Publicații al Uniunii Europene, 2021

© EIOPA, 2021

Reproducerea textului este autorizată cu condiția menționării sursei.

PETER BRAUMÜLLER



KELMTEJN TA' QABEL MILL-VIĊI-PRESIDENT

Għandi l-pjaċir nippreżenta dan ir-rapport tal-attivitajiet tal-EIOPA fl-2020.

Is-sena kienet iddominata mill-pandemija tal-COVID-19, b'impatt kbir fuq il-ħidma tal-Awtorità. L-azzjonijiet tagħna varjaw mill-istabiliment ta' miżuri immedjati biex is-setturi ikun jista' jiffoka fuq il-kontinwità tan-negozju tiegħu stess u fuq l-obbligi għad-detenturi tal-poloż u għall-benefiċjarji, għall-forniment ta' informazzjoni direttament lill-konsumaturi dwar x'għandhom jistennew mill-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħhom.

Il-pandemija enfasizzat l-importanza ta' kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur. Din tibqa' prijorità għall-EIOPA u matul is-sena stabbilejna dikjarazzjoni li tiċċara l-aspettattivi superviżorji dwar is-sorveljanza tal-prodotti u r-rekwiżiti ta' governanza fil-kuntest tal-COVID-19. Aktar tard aħna ddefinixxejna l-approċċ tagħna għas-superviżjoni tas-sorveljanza u l-governanza tal-prodotti. Dan huwa biss aspett wieħed tal-ħidma li wettaqna biex niżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi matul is-sena.

Minn perspettiva superviżorja, b'mod ġenerali, l-oqfsa regolatorji stabbiliti biex jiżguraw l-istabbiltà tas-setturi jidhru li ħadmu kif meħtieġ matul il-pandemija. Ir-riżervi kapitali bbażati fuq ir-riskju mibnija b'Solvenza II għenu lill-assiguraturi biex jifilħu għax-xokkijiet inizjali severi tas-suq esperjenzati bil-kriżi tal-Covid-19.

Fil-pubblikazzjoni tal-Opinjoni tagħna dwar iSolvenza II fi tmiem is-sena, stajna niġbru informazzjoni dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq l-industrija tal-assigurazzjoni u l-Opinjoni finali rriflettiet approċċ ibbilanċjat li jqis iż-żminijiet diffiċli.

F'termini ta' stabbiltà finanzjarja, fl-2020, l-isforz tagħna kien iċċentrat fuq il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Eżempji tal-ħidma tagħna f'dan il-qasam kienu jinkludu d-Dikjarazzjoni tagħna dwar id-distribuzzjoni tad-dividendi u l-politiki ta' rimunerazzjoni varjabbli fil-kuntest tal-COVID-19, it-Tabella Operattiva tar-Riskji tagħna u l-monitoraġġ u r-rapportar regolari dwar l-istabbiltà finanzjarja.

Għamilna progress fil-qasam tal-pensjonijiet, b'mod partikolari l-finalizzazzjoni tar-regolament għall-prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew, jew għall-PEPP, kif ukoll it-tisħiħ tal-ħidma tagħna fl-oqsma tat-tabella tal-pensjonijiet u tas-sistema ta' traċċar tal-pensjonijiet. It-tlieta li huma se jkunu importanti biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-pensjonijiet.

Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat l-użu tat-teknoloġija diġitali mill-konsumaturi u min-negozji. Kompliet tavvanza l-ħidma tagħna f'dan il-qasam, fejn l-għan ġenerali tagħna huwa li l-konsumatur ikun jista' jibbenefika mill-innovazzjoni diġitali, iżda mingħajr detriment.

Għamilna wkoll progress konsiderevoli fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp tat-tassonomija tal-UE, u firxa ta' attivitajiet fil-qasam tat-tidil fil-klima.

Nixtieq nirrikonoxxi l-kontribut tal-membri tal-Bord tagħna biex jgħinuna nissodisfaw il-mandat tagħna fl-2020 u niringrazzja lill-komunità istituzzjonali u usa' tal-partijiet ik-konċernati tagħna għall-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom. Nixtieq ukoll nagħti tislama lill-presidenza ta' Gabriel Bernardino, li mexxa lill-EIOPA f'din is-sena diffiċli. Il-ħiliet ta' tmexxija u l-viżjoni strateġika tiegħu huma apprezzati.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, ir-rwol tal-assiguraturi u tal-fondi tal-pensjonijiet fl-irkupru ekonomiku mill-COVID-19 ma jstax jiġi sottovalutat. Il-Pjan ta' Rkupru tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-Unjoni Ewropea huwa mibni fuq tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u fuq it-trawwim ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali u t-tlieta li huma jmorru id f'id mar-rwol tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Għalhekk, fis-snin li ġejjin se nibnu fuq il-kisbiet tagħna fl-2020 biex niżguraw li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet fl-Ewropa jostnu rkupru sostenibbli li jkun ta' benefiċċju għall-ekonomija, għas-soċjetà u għan-nies.

FAUSTO PARENTE



KELMTEJN TA' QABEL MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

Bħal kull organizzazzjoni, fl-2020, kellna naġġustaw il-mod ta' ħidma tagħna biex inqisu ċ-ċirkostanzi tal-pandemija. Stajna nadattaw malajr bis-saħħa tal-kultura tax-xogħol stabbilita sew tagħna, l-attitudni flessibbli u l-ambjent stabbli tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Aħna ċċentrajna n-negozju ewlieni tagħna sabiex inkunu nistgħu nimmonitoraw malajr u kontinwament ir-riskji fis-suq u nieħdu l-azzjoni meħtieġa biex niżguraw li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet okkupazzjonali jkunu jistgħu jkomplu jgħibu benefiċċji għad-detenturi ta' poloz u għall-benefiċjarji tagħhom.

Madankollu, xorta waħda r-nexxielna nkomplu n-wettqu l-miri organizzattivi tagħna u nin-sab kuntent li nara li ksibna l-indikaturi ewlenin kollha tal-prestazzjoni, li jwasslu għal standard għoli fl-erba' prijoritajiet strateġiċi kollha, kif ukoll it-temi trasversali tagħna ta' finanzjament u diġitalizzazzjoni sostenibbli.

Matul is-sena, aħna ddipendejna fuq il-prontezza tal-persunal tagħna biex jaħdem f'ċirkostanzi diffiċli. Aħna adattajna t-tagħlim u l-iżvilupp tagħna għall-ambjent online sabiex inkunu nistgħu nipprovdu lill-persunal tagħna b'taħriġ addizzjonali biex inrawmu r-reżiljenza u l-iżvilupp ġenerali. F'dan ir-rigward, nixtieq niringrazzja lill-persunal għall-impenn tiegħu matul is-sena.

Fl-2020, l-Awtorità wettqet użu effettiv u responsabbli tar-riżorsi. Il-baġit operazzjonali tal-Awtorità fl-2020 kien ta' EUR 29.4 miljun u sal-aħħar tas-sena, implimentajna 100 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u 82.2 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament. F'termini ta' riżorsi umani, l-Awtorità kibret ukoll, b'146 post mimlija fi tmiem l-2020.

L-EIOPA twestaq l-operazzjonijiet tagħha f'konformità sħiħa mar-regolamenti tal-UE, b'ħidma b'mod miftuħ u trasparenti. Bħala parti mill-obbligu ta' rendikont tagħna, aħna s-suġġett ta' awditi annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u l-awditur intern tagħna stess. L-EIOPA tilqa' l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej kollha u pparteċipat regolament f'laqgħat ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew inkluż, f'Ottubru 2020, seduta ta' smiġħ quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari tal-Parlament Ewropew.

Bħal fi snin preċedenti, aħna bbenifikajna minn kooperazzjoni mill-qrib mal-kontropartijiet fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u minn relazzjoni produttiva mal-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tagħna.

Aħna komplejna nfittxu wkoll l-input minn għażla wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex ninfurmaw il-ħidma tagħna, b'mod partikolari permezz tal-gruppi ta' partijiet ikkonċernati tagħna, kif ukoll permezz ta' konsultazzjonijiet u avvenimenti.

Nixtieq nirrikonoxxu wkoll il-kontribut ta' Gabriel Bernardino, mhux biss għat-tmexxija tiegħu fl-2020, iżda wkoll għall-impenn tiegħu li jiżviluppa l-EIOPA matul iż-żewġ mandati tiegħu bħala President, f'awtorità superviżorja Ewropea rikonoxxuta sew u li tiffunzjona tajjeb.

Bħala organizzazzjoni, aħna nibqgħu impenjati li naħdmu b'mod sostenibbli u għal darb'oħra inkludejna dikjarazzjoni ambjentali fir-rapport ta' din is-sena.

B'ħarsa 'l quddiem, se nkomplu nadattaw ix-xogħol u l-modi ta' ħidma tagħna għan-normal il-ġdid, peress li se nkomplu niffokaw fuq l-iżgurar li s-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet jista' jkollhom ir-rwol tagħhom f'irkupru sostenibbli għall-Ewropa.

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Covid-19 kien wieħed mill-aktar avvenimenti ta' tfixkil globali tas-seklu u l-impatt tiegħu kien wiesa', b'implikazzjonijiet għall-unitajiet domestiċi u għall-ekonomiji madwar id-dinja. Fl-2020 wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-Covid-19, l-attivitajiet tal-EIOPA kienu ffokati fuq il-kordinazzjoni tal-azzjonijiet tas-superviżuri biex jiġi żgurat approċċ superviżorju komuni u konsistenti madwar l-Istati Membri kollha. Mill-bidu nett, l-azzjonijiet tal-EIOPA ffukaw fuq l-iżgurar tal-kontinwità tan-negozju fl-istadji bikrija tal-kriżi, l-iżgurar tal-istabbiltà kemm tas-setturi tal-assigurazzjoni kif ukoll tal-pensjonijiet, u l-mitigazzjoni tal-impatt fuq il-konsumaturi.

Għal dak il-għan, l-EIOPA ppubblikat informazzjoni dwar ir-rata mingħajr riskju u d-danni lill-ekwiwità fuq bażi ta' kull ġimgħa, l-ewwel, imbagħad darbtejn fil-ġimgħa, matul il-perjodu ta' inċertezza ogħla. Barra minn hekk, l-EIOPA ppubblikat gwida għall-konsumatur dwar il-kopertura tal-assigurazzjoni matul it-tifqigħa tal-Covid-19, dikjarazzjonijiet dwar ir-rikonossiment ta' Solvenza II ta' skemi bbażati fuq ir-rassigurazzjoni u r-rapportar superviżorju ta' Solvenza II fil-kuntest tal-Covid-19. Barra minn hekk, l-EIOPA ppubblikat dikjarazzjonijiet dwar il-mitigazzjoni tal-impatt tal-Covid-19 fuq is-settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali u tal-assigurazzjoni li jkopru kwistjonijiet relatati mal-kontinwità tan-negozju u s-solvenza u l-pożizzjoni kapitali.

F'konformità mar-responsabbiltà tagħha li timmonitorja u tivvaluta l-iżviluppi tas-suq, l-EIOPA wettqet diversi valutazzjonijiet immirati biex tappoġġa l-fehim u t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha fid-dawl tal-effett sinifikanti li l-kriżi tal-Covid-19 ikollha fuq is-swieq finanzjarji u fuq l-ekonomija reali. Barra minn hekk, l-EIOPA vvalutat bir-reqqa s-sitwazzjoni u l-impatt tagħha fil-kuntest tal-qafas tagħha għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

L-EIOPA mmaniġġjat il-ħidma tagħha b'mod aġli u kompliet bl-isforzi tagħha biex timplimenta l-mandat tagħha.

TMEXXIJA 'L QUDDIEM TAS-SUPERVIŻJONI U R-REGOLAMENTAZZJONI TAN-NEGOZJU

Permezz tar-Regolament tagħha, l-EIOPA għandha mandat biex tieħu rwol ewlieni fil-promozzjoni tat-trasparenza, tas-semplificazzjoni u tal-ġustizzja fis-suq intern kollu.

L-EIOPA kompliet tiffoka fuq oqsma fejn qafas regolatorju aktar b'saħħtu jista' jiġi promoss ulterjorment u fejn is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur tista' tissaħħaħ fl-antiċipazzjoni tar-rieżamijiet leġiżlattivi komprensivi li ġejjin ippjanati mill-Kummissjoni dwar id-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (IDD) u r-Regolament dwar prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażat fuq l-assigurazzjoni (PRIPPs).

L-EIOPA mmirat ukoll għadd ta' inizjattivi speċifiċi fl-2020 biex ittejjeb l-għarfien u l-fehim tal-konsumaturi fis-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet, bil-ħruġ tal-gwida għall-konsumatur tal-Brexit u l-iżvilupp ta' paġna web interattiva dwar l-edukazzjoni finanzjarja.

Fl-2020, l-EIOPA kompliet timplimenta l-qafas komprensiv tagħha bbażat fuq ir-riskju u preventiv għat-tweġġ tas-superviżjoni tan-negozju permezz tal-użu tas-setgħat ta' intervent tal-prodotti tal-EIOPA, firxa ta' għodod superviżorji u ta' sorveljanza, inklużi xejriet kontinwi tal-konsumaturi u ħidma ta' monitoraġġ tas-suq, u żjarat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs).

IT-TMEXXIJA TA' KONVERĠENZA LEJN SUPERVIŻJONI PRUDENZJALI TA' KWALITÀ GĦOLJA

Il-kisba ta' approċċ Ewropew komuni għas-superviżjoni hija ċentrali għall-ħidma tal-EIOPA.

L-EIOPA tat l-Opinjoni tagħha lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2020, filwaqt li qieset l-importanza tal-valutazzjoni tal-impatt tas-sitwazzjoni attwali tal-Covid-19 fuq ir-Rieżami ta' Solvenza II. Barra minn hekk, l-EIOPA ppubblikat il-Ġabra tar-Regoli Interattiva I ta' Solvenza II, għodda ta' dokumentazzjoni online faċli għall-utent.

Matul is-sena, l-EIOPA kompliet bl-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha b'parteċipazzjoni attiva f'kulleġġi transfruntieri, u stabbiliet aktar pjattaformi ta' kooperazzjoni transfruntiera biex issaħħaħ kooperazzjoni aktar b'saħħitha u aktar f'waqtha bejn l-NCAs dwar każijiet transfruntieri konkreti, li tippermetti identifikazzjoni u valutazzjoni aktar rapidi tar-riskji fin-negozju transfruntieri. Sa tmien l-2020, l-EIOPA kienet attiva f'6 pjattaformi bl-involvement ta' 21 awtorità superviżorja nazzjonali.

Mil-lat internazzjonali, l-EIOPA kkontribwiet għall-iżvilupp tal-Istandard Kapitali tal-Assigurazzjoni (ICS) u l-Qafas Olistiku dwar ir-Riskji Sistemiċi kif ukoll għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar jekk il-qafas tal-assigurazzjoni tar-Renju Unit huwiex ekwivalenti għal Solvenza II. L-EIOPA wettqet ukoll talbiet għal informazzjoni u rakkomandazzjonijiet dwar it-tnejn biex jitnaqqas l-impatt tal-Brexit fuq id-detenturi tal-poloż tal-UE.

Fl-2020, l-EIOPA temmet ir-Rieżami bejn il-pari dwar il-prattiki superviżorji u l-eżiti dwar l-użu tal-proporzjonalità fir-rigward tar-Rapport Superviżorju Regolari u wettqet ir-Rieżami bejn il-pari dwar id-dispożizzjonijiet tal-iskambju ta' informazzjoni rigward l-awtorizzazzjoni, in-notifika u s-superviżjoni fuq bażi kontinwa, li huma inklużi fid-Deċiżjoni tal-EIOPA dwar il-kollaborazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji tal-assigurazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-EIOPA ħadmet aktar fuq l-iżgurar ta' tnejn u implimentazzjoni sodi tal-Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew billi żviluppat id-Dokument ta' Informazzjoni Ewlieni (KID) tal-Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) u r-Rapport tal-Benefiċċji tal-PEPP.

IT-TISĦIĦ TAL-ISTABILITÀ FINANZJARJA TAS-SETTURI TAL-ASSIGURAZZJONI U TAL-PENSIJONIJET OKKUPAZZJONALI

Fl-2020, f'konformità mar-responsabbiltà tagħha li timmonitorja u li tivvaluta l-iżviluppi tas-suq, l-EIOPA wettqet diversi valutazzjonijiet immirati biex tappoġġa l-fehim u t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha fid-dawl tal-effett sinifikanti li jista' jkollha l-kriżi tal-Covid-19 fuq is-swieq finanzjarji u l-ekonomija reali. Barra minn hekk, l-EIOPA vvalutat birreqqa s-sitwazzjoni u l-impatt tagħha fil-kuntest tal-qafas tagħha għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kriżijiet.

L-EIOPA ppubblikat Dikjarazzjoni Superviżorja dwar l-impatt tal-ambjent tar-rati tal-imgħax ultrabaxxi/negattivi, li tenfasizza l-impatt sinifikanti fuq is-settur tal-assigurazzjoni fl-UE, f'termini ta' allokkazzjoni tal-assi, ta' riskju ta' investment mill-ġdid, ta' profittabbiltà u ta' solvenza.

F'Ġunju 2020, l-EIOPA ppubblikat it-Tieni Dokument ta' Diskussjoni dwar il-Prinċipji Metodoloġiċi tal-Ittestjar tal-Istress tal-Assigurazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika, bil-ħsieb li jiġi msafhaħ aktar is-sett ta' għodod għat-test tal-istress b'elementi addizzjonali li għandhom jiġu applikati potenzjalment feżerċizzji futuri.

TEMI TRAŻVERSALI

L-EIOPA kompliet il-ħidma tagħha fil-qasam tal-finanzi sostenibbli billi appoġġat il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea.

Fl-2020, l-Awtorità ppubblikat l-ewwel valutazzjoni dettaljata tagħha tar-riskji ta' tranżizzjoni relatati mat-tibdil fil-klima kif ukoll dokument dwar kwistjonijiet li jippreżenta approċċ possibbli għat-titjib tar-reżiljenza tas-soċjetà kontra r-riskji ta' natura sistemika permezz tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' reżiljenza kondiviża.

L-EIOPA ppubblikat dokument ta' diskussjoni dwar is-sottoskrizzjoni u l-ipprezzar mhux tal-ħajja fid-dawl tat-tibdil fil-klima bħala ħidma ta' segwitu mill-opinjoni dwar is-sostenibbiltà fi ħdan Solvenza II, fejn l-EIOPA nnotat li argument komuni ħafna għal impriżi mhux tal-ħajja li ma jinkludux riskji relatati mat-tibdil fil-klima huwa n-natura ta' terminu qasir tal-assigurazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-kuntratti.

L-EIOPA ppubblikat ukoll dokument ta' diskussjoni dwar il-metodoloġija dwar l-inklużjoni potenzjali tat-tibdil fil-klima fil-formula standard tal-katastrofi naturali, li jiddiskuti l-ħtieġa kif ukoll il-metodoloġiji possibbli għall-inklużjoni tat-tibdil fil-klima fil-kalibrizzjoni tal-SCR tal-katastrofi naturali.


Il-pandemija tal-Covid-19 aċċellerat it-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà. L-EIOPA wettqet ħidma b'differenza fl-aspetti tad-diġitalizzazzjoni, tar-reżiljenza ċibernetika u tal-finanzjament diġitali. L-EIOPA ddefiniet Strateġija dwar it-Teknoloġija Superviżorja (Suptech) bl-oġġettiv li tippromwovi l-użu tat-teknoloġija mis-superviżuri. Barra minn hekk, l-EIOPA adottat Strateġija ta' Ċibersottoskrizzjoni, bħala parti mill-missjoni usa' tal-EIOPA biex tippromwovi progress teknoloġiku sod għall-benefiċċju tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u taċ-ċittadini tagħha.

Matul is-sajf tal-2020, l-EIOPA wettqet konsultazzjoni pubblika biex tikseb stampa aħjar dwar il-frammentazzjoni possibbli tal-katina tal-valur tal-assigurazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-isfidi superviżorji relatati u ppubblikat dokument ta' diskussjoni dwar il-katina tal-valur tal-assigurazzjoni (mill-ġdid) u mudelli kummerċjali ġodda li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni.

TWETTIQ TAL-MANDAT B'MOD EFFETTIV U EFFIĊJENTI

Fl-2020, l-EIOPA wieġbet b'mod effettiv għar-restrizzjonijiet fuq il-post tax-xogħol tal-Covid-19 u kompliet issaħħaħ il-kapaċitajiet organizzattivi tagħha. Il-ġestjoni tar-riżorsi tagħha b'mod aġli, ippermettiet it-teħid ta' deċiżjonijiet aċċellerat f'dawn iż-żminijiet u b'hekk ippermettiet li l-EIOPA tissodisfa l-oġettivi strateġiċi tagħha stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali għall-2020 fl-ambjent ta' Covid-19. Il-persunal kollu tal-EIOPA u l-korpi ta' tmexxija u l-gruppi ta' ħidma komplew jaħdmu mill-bogħod u bbenefikaw mill-flussi tax-xogħol awtomatiċi diġà fis-seħħ.

ORGANIGRAMMA



KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-għdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

**EUROPEAN INSURANCE AND
OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY**

Westhafenplatz 1,
60327 Frankfurt am Main, Germany



Oficiul pentru Publicații
al Uniunii Europene